Kunsill Lokali
Għajnsielem

---

**MINUTI – LAQGĦAT TAL-KUNSILL**
**IT-TMIEN KUNSILL**
**SEDUTA NRU. 37 – 28 ta' April 2022**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Ufficju tal-Kunsill Lokali Għajnsielem nhar il-Ħamis 28 ta' April 2022 fl-4:00 ta' wara nofsinhar.

| | | |
|---|---|---|
| **Preżenti** | Kevin Cauchi | Sindku |
| | Larry Buttiġieġ | Kunsillier |
| | Stephen Mercieca | Kunsillier |
| | Teddy Saliba | Kunsillier |
| | Lucienne Haber | Segretarju Eżekuttiv |
| **Skużat** | **Franco Ciangura** | **Viċi Sindku** |

**37.1 Talba**

37.1.1 Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku Kevin Cauchi.

**37.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

37.2.1 Inqraw il-minuti u ġew approvati.

**37.3 Qari ta' l-ittri ta' apoloġija**

37.3.1 Inqrat l-ittra ta' skuza tal-Viċi Sindku Franco Ciangura li ma setgħax jattendi għal-laqgħa.

## 37.4 Kommunikazzjoni mis-Sindku

37.4.1 Is-Sindku rrefera għas-suċċess kbir miksub mill-ewwel edizzjoni ta' Festa Roti. Din l-attivita saret bil-kollaborazzjoni tal-għaqda RUST(l-għaqda t'Għajnsielem li tmexxi l-Pump Track), GoodcleanFun u Malta Mountain Bike Assosiation. Saret referenza wkoll għall-feature tajjeb ħafna li sar ta' zewġ minuti dwar dan l-event fuq l-ahbarijiet ta' TVM . Ringjazzjament speċjali imur b'mod partikolari lil Ministeru għal Għawdex u direttorat tal-Kultura li ffinzanzja €4,000 minn din l-attivita. L-spejjeż ovjament kienu kbar għaliex kellna nibnu skate boards tal-injam, nieħdu hsieb sound, risk assessment, insurance, kiri ta' barriers, first aid team, preżentatur etc. Il-bulk tal-ispejjes marru għar rampi ġodda li saru fl-iskate park iżda dawn ser jibqgħu jintuzaw minn sena għall-oħra. Is-Sindku rrefera għal fatt li hemm il-ħsieb li għas sajf nagħmlu xi ħaġa simili iżda fuq skala izgħar u fuq bażi annwali nibqaw nkabbru u forsi ndaħħlu aktar għaqdiet magħna.

37.4.2 Is-Sindku rrefera għar-rapporti li rċevejna riggward numru ta' tfal żgħar li ħadu l-għodda u xi bankijiet u pallets minn Ta' Passi sabiex jagħmlu toyhouse taħt Chambray. Huwa spjega kif ġew identifikati min huma, u tlabnihom jerggħu jpoġġu kollhox f'postu. B'dan l-inċident ġie infurmat ukoll il-Community Police. Is-Sindku rrefera wkoll għal fatt li qed jidħlu rapporti li xi studenti tal-MCAST qed imorru fil-break f'Ta' Passi u qed jagħmlu xi vandaliżmu. Hawnhekk huwa propona li huwa mportanti ħafna li niġbru stimi għal Sistema ta' ċċTV għal Ta' Passi li tkun kompatibbli wkoll mal-LESA. Huwa spjega wkoll kif ser naraw li nixxiftjaw anke il-cameras taċ-Centru Civiku għal din is-sistema. il-Kunsill qabel li għadna tiġi installa sistema tas-ċċTV mill-aktar fis.

37.4.3 Is-Sindku rrefera għad-diversi lmenti li qed nirċievu rigward skart li qed jithalla fil-bidu tat-triq tax-Xatt l-Aħmar peress li l-iscammel ma jinzilx jigbor l-ixkejjer. Sar qbil li għandna ninfurmaw lill-kuntrattur biex kemm jista jkun jinzlu żewġ ħaddiema għalihom biex nevitaw din il-problema.

37.4.4 Is-Sindku Kevin Cauchi għamel referenza għal-laqgħa li kellu dwar il-futur tal-bereġ mal-Primary Healthcare. Huwa spjega kif

pratikkament iż-żjajjar tat-tobba fl-irħula biex jagħmlu ċertifikati tal-mard se jinqatgħu u se jżommu biss ftit bereġ kbar li se joffru terapija speċjalizzata u bħala clinics ewlenin se jkunu Kerċem u Xewkija. Jekk se jibqgħu jiġu tobba fl-irħula dawn ser ikun bl-appuntament biss u darba fil-ġimgħa izda l-Kunsill ma jkollux aċċess għal kamra tal-berga. Is-Sindku spjega kif ihoss li ma jamilx sens li tħalli l-binja tal-berġa vojta il-ġimgħa kollha u ma tistax tużaha għal terapija jew servizzi oħra. Għalhekk il-Kunsill jaqbillu jibda joffri servizz ta' tabib hu stess filwaqt li jista jibqa juża l-berġa għal servizzi oħra kif qed jiġri bħalissa fejn hemm diversi tfal u individwi li qed jagħmlu użu minnha. Il-Kunsill qabel li għandu jikkunsidra l-prinċipju li nibdew noffru servizz b'xejn darba fil-ġimgħa għar-residenti permezz ta' tabib/nurse.

37.4.5 Is-Sindku rrefera għal-online meeting mas-Sindku u Segretarja tal-Kunsill Lokali Xewkija fejn flimkien iddiskutejna kif se naħdmu flimkien sabiex nagħmlu embellishment tal-Ġnien taż-Żebbuġ li hu konfini bejn iż-żewġ irħula. Tkun ħaġa sabiħa li żewġ kunsilli jaħdmu flimkien fuq proġett ambjentali. Il-Kunsill qabel mal-kunċett u sar qbil li għandna nigbru stimi tal-bankijiet tal-injam. Sar qbil ukoll li għandna nkellmu konsulent dwar kif għandu jsir it-tindif u ż-żbir tas-sigar biex jibda t-tindif tal-post.

37.4.6 Is-Sindku rrefera għas-servizzi tal-ilma u drenaġġ li qed jitgħaddew fit triq taċ-Cimiterju. Huwa spjega li ġie avviċinat minn diversi bdiewa li xtaqu li nwasslulhom l-New Water. Pero peress li l-New Water mhux ser jitwassal s'isfel, huwa propona li għandna nipprovdulhom pipe iswed imbad jiehdu hsieb jikkonnetjawh huma sabiex jiġu frankati l-problemi u ħsarat li qed jsiru fil-preċent fejn il-pompa tal-heliport. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

## 37.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

37.5.1 Il-Kunsillier Larry Buttigieg talab sabiex isir railing mat-tarag li jagħti għall-bajja Tal-Gardun. Is-Sindku wiegbu li bħala railing diġa hemm iżda għandna niċċekjaw ezatt fejn hu mehtieg.

37.5.2 Il-kunsillier Stephen Mercieca għamel referenza għat-tarag ta' Bejlikk u għall-printed concrete li kellu jsir fil-parti ta' fuq u li baqa ma sarx. Is-Sindku wiegbu li tlabna stima tax-xogħolijiet

izda għada ma waslitilnix. Sar qbil li għandna nagħmlu pressjoni biex dan ix-xogħol isir.

37.5.3 Il-kunsillier Stephen Mercieca talab sabiex jinqata' l-ħaxix taħt Ta' Lourdes. Is-Sindku wieġbu li diġa ntbagħtet talba lill-Ministeru għal Għawdex sabiex isir dan ix-xogħol minn naħa tagħhom.

37.5.4 Il-kunsillier Teddy Saliba faħħar l-inizjattiva sabiex terġa ssir ħarġa għall-anzjani għax intlaqgħet tajjeb hafna.

37.5.5 Il-kunsillier Teddy Saliba rrefera għat-talba tal-loading/unloading li ressaqna għal quddiem l-ispizerija fi Triq l-Imgarr u li giet irrifjutata minn Transport Malta. Huwa talab sabiex nigbdu l-atenzjoni lill-Transport Malta li f'Marsalforn hemm waħda eżatt quddiem l-ispiżerija.

37.5.6 Il-kunsillier Teddy Saliba rrefera għall-inċident li seħħ fi Triq l-iMgarr kantuniera ta' Triq Mogħdija. Huwa propona li għandhom isiru xi tip ta' protective railing anke fuq il-bankina. Sar qbil li għandna ninfurmaw lill-Transport Malta b'din it-talba.

## 37.6 Korrispondenza

37.6.1 Ġiet diskussa t-talba biex sabiex ir-rotta tat-trasport pubbliku 303 tgħaddi minn Triq Sant'Antnin. Il-Kunsill iddiskuta din il-materja u raha li mhix possibli.

37.6.2 Ġiet trattata t-talba biex titnaddaf l-għalqa li tinsab taht il-harruba fi Triq Lourdes. Sar qbil li għandhom inaddfuha l-ħaddiema tal-Kunsill.

37.6.3 Ġiet trattata sabiex jinbidlu s-sinjali tat-traffiku li hemm fi Triq Dun Frangisk Mizzi. Il-Kunsill iġġustifika t-talba u qabel li għandhom bzonn jinbidlu.

37.6.4 Ġiet trattata t-talba sabiex l-iscammel tal-gbir tal-iskart jibda jgħaddi mit-triq il-ġdida ta' wara l-Patrijiet. Il-Kunsill qabel li għandu javza lill-kuntrattur jistax jinkludiha.

## 37.7 Updates Proġetti

37.7.1 **Triq Hamri** - Is-Sindku rrefera kif finalment ix-xogħolijiet fi Triq Hamri nbdew. L-ewwel biċċa xogħol ser ikun t-tqattigħ tat-trinka għall-high tension cable u ser naraw ukoll li nsolvu l-problema tal-ilma tal-overflow li ħiereġ minn Misraħ il-Fliegu għal Triq Malta. Wara jmiss li jinbidlu xi servizzi tal-ilma u drenagg u finalment tinkesa bit-tarmak.

37.7.2 **Pjazza Tolfa** - Is-Sindku irrefera għat-tħawwil tas-siġar u arbuxell u li ġew milqugħa tajjeb ħafna. Preżentament qed nistennew il-meter tal-ilma. Għamel referenza wkoll għall-kantunieri li kienu pjuttost koroh u nqatgħu għat-tond. Is-Sindku rrefera wkoll għad-diskussjonijiet li għaddejjin mas-Sindku ta' Tolfa dwar ġebla li se tiġi minn Bagnarello li huma banijiet rumani biex titpogga f'din il-Pjazza.

**37.7.3** **Playingfield Gudja** - Is-Sindku rrefera għax-xogħol ta' skavar li miexi gmielu u wkoll għall-bini mill-gdid tal-hitan tas-sejjieh. Huwa spjega kif kien hemm il-gaffa tnaddaf il-Wied mill-għollieq u tnaddfet il-mina ta' taht. Huwa spjega kif il-pass li jmiss huwa li naraw il-parti tal-landscaping u naraw x'sigar u pjanti ser jithawwlu u fejn ikun mehtieg isir xi eskavar għall-potholes peress li kullimkien blat.

37.7.4 **Hitan tas-Sejjieħ** - Is-Sindku spjega kif ma jistgħux jitkomplew ix-xogħolijiet qabel ma jkollna l-istimi/kontijiet attwali tal-Perit.

37.7.5 **Librerija** - Is-Sindku għamel referenza għal-laqgħa li kellu fuq is-sit nhar il-Ġimgħa 22 ta' Frar rigward l-Commencement notice, insurance, BCA clearance u work method statement qabel jibda ix-xogħol li huwa ppjanat għall-aħħar ta' Ġunju li gej hekk kif tintemm is-sena skolastika.

37.7.6 **Public Convenience** - Is-Sindku bi pjacir habbar liIl-kunsill se jingħata l-ammont ta' €32,228.29 għall-progett ta' rranġar mill-ġdid tal-latrina pubblika li tinsab taht il-kazin tal-Football u li għaliha ser nagħmlu entratura aktar aċċessibbli minn naha tal-genb anke permezz ta' rampa. it-toilets issa se jkollu rampa fil-

ġemb sabiex jkun aktar aċċessibli u l post jitranġa għaż żmienijet tal-llum.

37.7.7 **Arkata Storika** - Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-process ta' l-applikazzjoni tal-permessi neċessarji mal-Planning Authority inbeda. Qed nistennew ukoll mill-EkoGħawdex għat-tindif tal-wied li nittamaw jinbeda dan is-sajf li ġej.

37.7.8 **Playingfield Amabile Cauchi** - Is-Sindku spjega kif il-permess tal-iżvilupp jinsab miexi u nistennew l-ezitu tiegħu fil-ġimgħat li ġejjin.

37.7.9 **Preparamenti għas-Sajf** - Is-Sindku spjega kif issa li dehlin mill-ġdid għax-xhur tas-sajf jinħtieg li nippreparaw l-bajja tax-Xatt l-Aħmar f'dak li huma zebgħa ta' bankijiet, platform tad-dgħajjes, platform ġdida fis-slipway, swimming zone, torba fil-parkeġġ u wkoll nittamaw wkoll li l-walkway li għandha ssir mill-Ministeru għal Għawdex tkun lesta.

## 37.8 Evalwazzjoni tal-Offerta tal-Playing Equipment ta' Għajnsielem Learning Garden

37.8.1 Is-Sindku spjega kif għall-din l-offerta ntegħdu erba' offerti mingħand:-

- Gokker Ltd għall-prezz ta' €38,585.95
- Opal Ltd għall-prezz ta' €42,257.36
- Evolve RS Group għall-prezz ta' €43,764.00
- Projekte Global Ltd għallp-prezz ta' €49,845.00

37.8.2 Waqt il-process tal-għazla l-Bord t al-Evalwazzjoni bgħat għal xi clarifications. S'issa jidher li l-orhos offerta hija kompattibli izda nistennew ir-rakkommandazzjoni finali tal-Bord biex inkunu nistgħu napprovaw l-għazla.

## 37.9 Attivitajiet marbuta mal-Proġett Amppa

37.9.1 Is-Sindku rrefera għall-isteering Committe li nzammet bejn il-21 u t-23 t'April 2022 fil-Grand Hotel fejn għaliha attendew il-partners kollha nvoluti. Matul dawn il-laqgħat ġew diskussi l-

passi li jmiss ta' dan il-proġett li jinhtieg li nimbarkaw fuqhom b'effett immedjat. Il-Kunsill iddiskuta l-attivitajiet u l-progetti relatati ma' dan il-progett li jinkludu video audio visiv ta' taħt il-bahar tax-Xatt l-Aħmar, fornimenti għaċ-ċentru ta' informazzjoni fix-Xatt l-Aħmar, attrazzjonijiet għa-sajjieda, ħames attivitajiet ta' promozzjoni , ktejjeb informattiv, reklamar, banners, u promozzjoni ohra relatata. Bhala attivitajiet principali l-Kunsill qabel li għandu jorbot waħda mal-festa tal-lokal biex jinforma sew lill-pubbliku dwar dan il-progett u permezz t'hekk ikun jista jorganizza attivita' kbira li tagħlaq b'kunċert muzikali biex jattira priċiparjament l-massa zgħazugħa. Il-Kunsill qabel ukoll li bħala launching tal-video ta' taht il-baħar għandna namalgamawh ma' dawra b'yacht madwar Għawdex.

**37.10 Emendi fix-xogħolijiet marbuta mal-Miżura 4.4 u approvazzjoni tal-kontijiet**

37.10.1 Is-Sindku rrefera għax-xogħolijiet li saru taht din il-mizura u peress li kien hemm problema fil-fond tal-pedamenti ma sarx l-ammont shih kif mitlub fl-applikazzjoni. Il-kuntrattur tana stima ta li fadal u l-ammont mitlub huwa għoli u għalhekk inkarigajna lill-Perit ikejjel eżatt u joħroġ l-istima preċiża hu sabiex ikunu jistgħu jitkomplew ix-xogħolijiet.

**37.11 Iljieli Sajfin**

37.11.1 Is-Sindku propona li issa li r-restrizzjonijiet tal-pandemija gew irrilaxxjati, ta min ihares il-quddiem u jorganizza xi attivitajiet ta' divertiment għax-xhur tas-sajf. għalhekk is-Sindku propona li kull weekend bejn nofs Lulju u nofs Settembru jinzammu attivitajiet divertenti li jolqtu etajiet differenti. Sar qbil li nfasslu lista ta' attivitajiet u niddiskutuha fil-laqgħa li jmiss sabiex napplikaw għall-fondi mal-Ministeru għal Għawdex.

**37.12 Weekend Break f'Malta / Harga barra minn Malta**

37.12.1 Il-Kunsill qabel li fuq domanda ta' bosta għandna norganizzaw weekend break kulturali f'Malta fejn fost l-ohrajn inzuru l-Palazz

tal-President fil-Verdala. Il-Kunsill qabel li bhala data tentattiva għandna nippruvaw għall-aħħar ta' Mejju.

37.12.2 Is-Sindku rrefera għall-istedina li għamlilna l-Comune ta' Tolfa sabiex tattend delegazzjoni mill-Kunsill għall-edizzjoni ta' Tolfarte 2022 bejn il-5 u t-8 t'Awwissu. Sar qbil li għandha titla' delegazzjoni komposta mis-Sindku u xi kunsilliera flimkien mas-Segretarja kif ukoll nistiednu lis-Sur Paul Stellini sabiex jigi jipprezenta l-monument li għamel biex jitpogga f'Tolfa.

37.12.3 Is-Sindku rrefera wkoll għal talba ta' bosta biex norganizzaw Gita barra minn Malta. Huwa spejga kif wara l-esperjenza pozittiva li kellna gab stima mingħand is-Sisu Tours li huma magħrufin għall-aqwa kwalita ta' safar. Huwa spjega kif bħala grupp gejna offruti żewġ options waħda għall-erbat iljieli Torin-Piemonte-bejn it-30 ta' Settembru u l-4 ta' Ottubru għall-prezz ta' €685 kollox inkluz u oħra għall-hamest iljieli fl-Italja, Awstrija u Slovenia għall-prezz ta' €765.

## 37.14 MoU Active Ageing Community

37.14.1 Ġie prezentat il-Memorandum of Understanding dwar l-Ageing Community u fejn stiednu lill-Kunsill jiffirmah biex jagħmel parti minnu. Il-Kunsill qabel li għandu jiffirmah u jaħtar lill-kunsillier Teddy Saliba li huwa responsabbli mill-anzjani bhala r-rappreċentant tiegħu.

## 37.15 Materji oħra

37.15.1 Prezenti għal-laqgħa attendew xi zgħazagħ mill-għaqdiet tan-Nar u tal-Armar tal-Festa sabiex flimkien niddiskutu xi attivitajiet nistgħu nagħmlu flimkien matul il-gimgħat tal-Festa. Is-Sindku għamel referenza għall-progett tal-Interreg Amppa u li minnu rridu nagħmlu xi attivitajiet biex nippromovu l-bahar tagħna f'dawn l-attivitajiet. Ġew diskussi bosta attivitajiet fosthom l-'Illjieli Sajfin', kuncert bil-participazzjoni tal-band Travellers, kif ukoll boat trip madwar Għawdex u Kemuna. Giet diskussa l-logistika ta' dan il-kuncert u bhala data sar qbil li jsir fit-13 t'Awwissu bhala ftuh tal-festa. Ġew diskussi wkoll l-għajnuna tal-għaqdiet lill-Kunsill fejn jidhol armar għall-attivitajiet, armar ta'

festuni u għeluq ta' toroq waqt l-attivitajiet. Il-Kunsill innota b'sodisfazzjon din il-laqgħa pozittiva fejn il-Kunsill jaħdem id f'id mal-għaqdiet u z-zgħażagħ tal-lokal.

37.15.2 Preżenti għal-laqgħa kien hemm ukoll Dr Charles Daniel Saliba fejn preżenta lis-Sindku kopja tal-ktieb tiegħu "European proverbs" dwar proverbji komuni bejn il-Maltin u l-Portugiż u li jinkludi wkoll prefiss mis-Sindku Kevin Cauchi.

37.15.3 Is-Segretarja preżentat l-Financial Statements għall-approvazzjoni. Is-sena finanzjarja spiċċat b'deficit ta' €36,794 Il-Kunsill fehem li kienu bosta l-ispejjes mhumiex previsti u qabel li għadna noqgħodu hafna attendti matul din is-sena finanzjarja sabiex nippruvaw li s-sena nispiċċaw b'bilanċ.

**37.16 Approvazzjoni tal-Pagamenti**

Ġiet preżentata l-iskeda tal-pagamenti għall-approvazzjoni. Il-pagamenti ġew ilkoll approvati.

**37.17 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

37.17.1 Il-laqgħa ntemmet fis-13:30 u ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa 18 ta' Mejju 2022 fl-4:00pm.

**Kevin Cauchi**
**Sindku**

**Lucienne Haber**
**Segretarju Eżekuttiv**